Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 24 ta' Mejju 2022**
**(OR. en)**

**9453/22**
**ADD 1**

**ENER 225**
**CLIMA 234**
**TRANS 320**
**IND 195**
**ENV 499**
**COMPET 394**
**CONSOM 133**
**RECH 300**
**ECOFIN 502**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 19 ta' Mejju 2022 |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 221 final |
| Suġġett: | ANNESS tal- KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI L-**Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari** |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 221 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 221 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.5.2022
COM(2022) 221 final

ANNEX

**ANNESS**

***tal-***

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari**

{SWD(2022) 148 final}

MT MT

## ANNESS

## Azzjonijiet ewlenin għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari

**Inizjattivi ewlenin:**

- Inizjattiva tal-UE dwar il-Bjut Solari
- Pakkett ta' permessi tal-Kummissjoni: proposta leġiżlattiva, Rakkomandazzjoni u gwida
- Sħubija tal-UE għall-ħiliet fuq skala kbira għall-enerġija rinnovabbli fuq l-art, inkluż l-enerġija solari
- Alleanza tal-Industrija tal-PVs Solari tal-UE

**Azzjonijiet oħra:**

<u>Il-Kummissjoni se:</u>

- tiżviluppa gwida għall-Istati Membri biex jippromwovu forom innovattivi ta' użu tal-enerġija solari;
- tipproponi l-ħolqien ta' komunità ta' prattika ddedikata għall-akkwist tal-enerġija solari fil-qafas tal-inizjattiva tax-Xerrejja Pubbliċi l-Kbar;
- tippromwovi l-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-Kurrent Dirett (DC) u taħdem ma' organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej u internazzjonali fl-oqsma tal-applikazzjoni tad-DC;
- tipproponi l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn u tar-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija għas-sistemi fotovoltajċi;
- tipproponi inizjattiva leġiżlattiva li tipprojbixxi l-prodotti magħmula bix-xogħol furzat mis-Suq Uniku;
- tistabbilixxi Faċilità għall-Komunitajiet tal-Enerġija biex tipprovdi finanzjament kaskata għal proġetti tal-komunità tal-enerġija fl-UE, permezz tal-programm LIFE;
- tiżviluppa aġenda strateġika konġunta dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-enerġija solari mal-Istati Membri; u
- tniedi inizjattiva ewlenija ta' riċerka u innovazzjoni dwar l-enerġija solari permezz ta' Orizzont Ewropa.

<u>L-Istati Membri għandhom:</u>

- jintegraw inċentivi għal agri-PV, kif xieraq, meta jfasslu l-Pjanijiet Strateġiċi Nazzjonali tal-PAK tagħhom;
- tinċentiva l-installazzjoni ta' apparati għall-ħżin tal-enerġija li jikkumplimentaw lis-sistemi ta' enerġija rinnovabbli distribwiti;
- jiżguraw li l-inċentivi tas-sħana rinnovabbli jipprovdu kundizzjonijiet ekwi għat-teknoloġiji differenti;
- biex jappoġġaw lill-komunitajiet tal-enerġija:
    - jistabbilixxu programmi li jipprovdu effiċjenza enerġetika integrata, u pariri u gwida dwar l-installazzjoni solari lill-komunitajiet tal-enerġija;

    - jivvalutaw u jneħħu l-ostakli mhux ġustifikati għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u taċ-ċittadini;

- jipprijoritizzaw l-investimenti fl-infrastrutturi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, transfruntieri u nazzjonali, meħtieġa għall-użu fuq skala kbira tal-enerġija solari u enerġija rinnovabbli oħra, inkluż proġetti ta' grilji intelliġenti tal-elettriku, filwaqt li jagħrfu l-possibbiltajiet ta' finanzjament tal-UE;
- L-Aġenziji Regolatorji Nazzjonali għandhom jevalwaw it-tariffi tal-elettriku fid-dawl ta':
    - il-kostijiet reali mġarrba filwaqt jqisu l-użu tan-network f'każ ta' awtokonsum, u t-tranżazzjonijiet tal-enerġija bejn il-pari fil-livell tal-bini jew fil-livell lokali;
    - l-iżgurar tan-nondiskriminazzjoni bejn il-produzzjoni konnessa fil-livell tad-distribuzzjoni u l-produzzjoni konnessa fil-livell tat-trażmissjoni għall-imposti tal-injezzjoni, u tan-nondiskriminazzjoni tal-ħżin jew l-aggregazzjoni tal-enerġija; u
    - il-benefiċċju ta' tariffi tan-network tad-distribuzzjoni differenzjati skont il-ħin għall-ġestjoni tal-eqqel tagħbijiet u tal-konġestjoni tal-grilja.

<u>Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jikkollaboraw biex:</u>

- jiffaċilitaw l-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi permezz ta' fornitur wieħed tal-għażla f'infrastruttura tal-iċċarġjar differenti; u
- joħolqu kodiċi tan-network fuq il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda.